IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 23**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 24 ta' Ġunju 2014 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Raymond Tanti | Ambaxxatur |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 22**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru G22 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 22

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 22**

Punti li joħorġu mill-Minuti G 22

** Il-Kunsillier Rudolf Grima u l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi daħlu għal-laqgħa fis-7.05 ta' filgħaxija

2.01 9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li t-talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kienet saret però l-Kunsill kien għadu ma rċieva l-ebda tweġiba. Ħruġ tal-offerta għat-tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fi Triq il-Kulleġġ

**3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

3.01 Is-Sindku qara l-ittra ta' riżenja ppreżentata mill-impjegata tal-Kunsill is-Sna. Donna Micallef, fejn kienet qiegħda titlob lill-Kunsill biex tiġi rilaxxata mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' impjieg relatat mal-perjodu tan-*notice*. Riżenja tal-impjegata s-Sna. Donna Micallef

Il-Kunsill fehem li bit-talba tas-Sna. Micallef ir-riżorsi umani tal-Kunsill ser ikunu limitati.

Is-Sindku ppropona li t-talba tas-Sna. Micallef tiġi milqugħa u għaldaqstant ma taħdimx jew tħallas id-90 ġurnata *notice* li jistipula l-kuntratt tagħha. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku ppropona li b'riżultat ta' din id-deċiżjoni jiskatta l-proċess biex il-vakanza maħluqa permezz ta' din ir-riżenja jibda minnufih, biex tiġi ingaġġata persuna fi skala 15. Il-Kunsillier Rudolf Grima ssekonda din l-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

**4.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

4,01 Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għall-pagament bin-numru 6651 dovut lill-*Schembri Barbros Ltd.* Hi nfurmat il-laqgħa li dan il-pagament ta' €52,551.00 huwa l-10% *prefinancing* tal-Proġett *Measure 313 – Encouragement of Tourism Activities*, liema fondi ħarġu mill-fond ta' finanzjament mill-Unjoni Ewropea. Pagament numru 6651

4.02 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 235 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. L-iskeda tal-ħlasijiet numru 235

** Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jiġi skużat fis-7.22 pm

**5.00 Jum Ir-Rabat u Ġieh Ir-Rabat**

5.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li bħal kull sena Jum ir-Rabat ser jiġi ċċelebrat fit-2 ta' Settembru. Ġie deċiż li Jum ir-Rabat jiġi ċċelebrat f'Misraħ Santu Wistin fis-7.30 ta' filgħaxija u wara jsir riċeviment għall-mistednin preżenti. Jum Ir-Rabat u Ġieħ Ir-Rabat

Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera preżenti dwar l-unur u r-rikonoxximenti mgħotija f'Jum ir-Rabat.

Il-Kunsillier Rudolf Grima ppropona li Ġieħ Ir-Rabat għandu jingħata lis-Sur Douglas Barbaro Sant għall-ħidma tiegħu fil-qasam filantropiku. Il-Kunsillier Stephen Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li jingħata rikonoxximent lil Fr Alexander Bonnici ofm conv. għall-ħidma tiegħu fil-qasam tal-letteratura. Hu qal li Fr Bonnici kittieb għadd kbir ta' kotba dwar l-istorja ta' pajjizna, kif ukoll bijografiji ta' diversi personalitajiet Maltin. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li jingħata rikonoxximent lill-Grupp *Firelight* għall-ħidma tagħhom fil-qasam mużikali. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li jingħata rikonoxximent lill-Eks-Membri tal-Kumitati Amministrattivi tal-Baħrija u tal-Virtù li servew fl-aħħar leġiżlatura, bħala rikonoxximent għall-ħidma tagħhom. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Stephen Borg. Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li jingħata rikonoxximent lil impjegati tal-Kunsill, is-Sna. Roberta Ciantar u s-Sra. Victoria Privitera f'għeluq l-20 sena ta' ħidma tagħhom fi ħdan il-Kunsill. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ġie diskuss ukoll il-programm tal-attività u l-Kunsill qabel li s-serata għandha tiġi preżentata mis-Sna. Antonia Holden. Il-Kunsill wera x-xewqa li f'din is-serata jieħdu sehem il-grupp *Bibita*, il-grupp *Firelight*, il-vjolinista Mario Ciantar u l-kantanta Chanel Galea.

** Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li jiġi skużat fit-7.40 pm

**6.00 Memo 17/2014 – *Streaming* tal-laqgħat *online* u Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għas-servizz tal-internet**

6.01 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill Memo 17/2014 – *Streaming* tal-laqgħat *online* u Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għas-servizz tal-internet.

Memo 17/2014 – *Streaming* tal-laqgħat *online* u Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għas-servizz tal-internet

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japplika għal din l-iskema. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

**7.00 Korrispondenza**

7.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0514/07** is-Sindku ppropona li ssir l-installazzjoni ta' bozza ġdida fuq arblu fi Triq Vjal il-Ħaddiem ħdejn *Atlas Insurance* hekk kif approvat mill-Korporazzjoni Enemalta fis-sena 2007. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill approva.

Installazzjoni ta' bozza Triq Vjal l-Ħaddiem

7.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1027/14** is-Sindku nforma il-laqgħa li din il-bozza kienet ġiet approvata mill-Korporazzjoni Enemalta. Il-Kunsill qabel li din għandha titpoġġa fuq il-*waiting list* sabiex ma jinqabeż ħadd.

Bozza titpoġġa fuq il-*waiting list*

7.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1090/14** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni Enemalta kienet approvat it-talba tal-Kunsill sabiex issir bozza fuq arblu fi Triq il-Buskett.

Installazzjoni ta' bozza Triq il-Buskett

Il-Sindku ppropona li ssir l-installazzjoni ta' din il-bozza ġdida. Issekonda din il-

proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill approva.

7.04 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1092/14,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand is-sid tal-ħanut *King George V Bar* fejn kienet qiegħda titlob *No Objection* mingħand il-Kunsill sabiex tarma l-imwejjed u s-siġġijiet quddiem il-ħanut li qiegħed *5 Civic Centre, Parish Square*, Rabat .

Permess għal tpoġġija ta' imwejjed u siġġijiet

Wara diskussjoni li saret is-Sindku ppropona li l-Kunsill jagħti din in-*No Objection* bil-kundizzjoni li jitħalla aċċess biex jgħaddi l-pubbliku kemm bis-siġġijiet tar-roti kif ukoll b'*pushchairs* . Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 B'referenza għall-Mozzjoni 01/14 'Mozzjoni biex tkun evitata diżgrazzja fi Triq Santu Wistin, ir-Rabat', is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill dwar ir-rapport li sar mill-pulizija b'referenza nru 7/Q/1393/2014.

Mozzjoni 01/14 'Mozzjoni biex tkun evitata diżgrazzja fi Triq Santu Wistin, ir-Rabat'

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sidien tal-bini in kwistjoni kienu preżentaw lill-pulizija ċertifikat maħruġ mill-Perit Roderick Camilleri fejn ġie ċċertifikat li wara spezzjoni li saret l-post mhuwiex fi stat perikoluż. Hija semmiet ukoll li s-sidien tal-post in kwistjoni kienu bagħtu ittra bl-avukat lill-pulizija fejn fost kollox obbligawhom li jinvestigaw "l-intress ta' min għamel ir-rapport u kemm dan għamlu in buona fede. Rapport falz iġorr is-sanzjonijiet kriminali".

## 8.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduti numru A41 u A42

8.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Baħrija A41 u A42 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Baħrija A41 u A42

## 9.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduti numru A42 u A43

9.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtù A42 u A43 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Virtù A42 u A43

## 10.00 Materji Oħra

10.01 B'referenza għall-*partner search* għall-Proġett *Europe for Citizens Programme – Network of Towns*, il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-Kunsill jipparteċipa fis-sejħa magħmula mill-Belt ta' Gela.

Proġett *Europe for Citizens Programme – Network of Towns*

Il-Kunsillier Vassallo assigura lill-Kunsill li ma hemm ebda implikazzjonijiet finanzjarji bil-parteċipazzjoni f'dan il-*partner search*.

Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Vassallo ikun inkarigat minn din is-sejħa u li jinforma lill-Kunsill b'kull żvilupp li jkun ser iseħħ.

10.02 Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur li jieħu ħsieb is-

*Soft area* ta' żona 3

*soft area* ta' żona 3 b'mod speċjali ħdejn il-blata ta' Vincenzo Ciappara, minħabba li din iż-żona mhix qiegħda tinżamm fi stat tajjeb. fi stat mitluq

10.03 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-Kunsill jitlob is-suġġeriment ta' Tm dwar il-*blind corner* li hemm bejn Triq it-Torri u Triq Ħal Tartarni, minħabba d-diversi inċidenti ta' traffiku li qiegħed ikun hemm. Il-Kunsillier Stephen Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. *Blind corner* li hemm bejn Triq it-Torri u Triq Ħal Tartarni

10.04 Il-Kunsillier Paul Grech qal li r-residenti ta' Triq Ħad-Dingli qiegħdin joħorġu l-iskart barra l-ħin tal-ġbir. Huwa talab li tintbagħat ittra lir-residenti tal-imsemmija triq. Ħruġ ta' skart barra l-ħin tal-ġbir

**11.00 Data tas-seduta li jmiss**

11.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 22 ta' Lulju 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

11.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.20 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 22 ta' Lulju 2014

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**